MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 806/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**Vs**

Saviour Cachia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour Cachia ta’ karta ta’ identita’ numru 0271481(M), akkuzat talli:

1. ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRS100 tal-mudel Citroen C3, ghad-dannu ta’ Christine Judie Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-

artikoli 261, 263, 267 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi (CD player) minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRS100, ghad-dannu ta' Christine Judie Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (vettura KRS 100) ghad-dannu ta' Christine-Judie Borg, liema hsara jiskorri l-hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga (vettura KRS 100) u dan ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, r-residenza bl-isem ta' 'Diamantina', Nru 47, Triq l-Ingilterra, Naxxar ghad-dannu ta' Raymond Zarb, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga (parapett tar-residenza 'Diamantina', Nru 47, Triq l-Ingilterra, Naxxar) u dan ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Saq vettura b'numru tar-registrazzjoni KRS 100 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u dan bis ksur tal-Artikolu 15(1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Saq vettura b'numru tar-registrazzjoni KRS 100, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija

tissospendi lil Saviour Cachia milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas-sewqan.

9. Talli wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu oggetti ohra (balaclava), li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu u talli instabu wkoll ghandu imfietah, imqablin jew iffalsifikati, tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodifacenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandu f'dan iz-zmien u dan ai termini tal-Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC717 u PC476 waqt li kienu qed jaqghdu d-doveri taghhom jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li-qadi ta' dmirijiethom u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Gera bil-qawwi fit-triqat jew pjazez, b'perikolu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu u dan ai termini tal-Artikolu 338(cc) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' Artikolu 5 tal-att XII tal-1957 meta kien gie misjub hati ta' reat u kien gie mehlus taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer.

13. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar, 2005 fejn l-imputat irregistra ammissjoni liema ammissjoni baqa' jinsisti fuqa kif jirrisulta mill-verbali tat-28 ta' Frar, 2005 u 22 ta' Marzu, 2005.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tat-2 ta' Frar, 2005 li bih l-atti gew rinvijati lil din il-Qorti sabiex l-imputat jigi processat quddiema, fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tieghu, ghar-reati hemm dedotti.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' u jigi deciz minn dina l-Qorti anzi insista fuq l-ammissjoni tieghu precedentement maghmula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imptuat jipprospettaw s-serq, il-hsara volontarja, u involontarja, is-sewqan bla licenzja u b'manjiera perikoluza, negligenti u traskurata, il-pussess ta' oggetti mhux gustifikati u xi kontravenzjonijiet. Hu akkuzat ukoll li kiser l-Artikolu 5 tal-Kap 152 u li hu recidiv.

L-Artikoli tal-ligi b'referenza l-akkuzi huma l-Artikolu 18, 261(c)(b)(g), 263, 267, 271(g), 278, 279, 280, 325, 328, 287, 338(ee), 338(cc), 49 u 50 tal-Kap 9; l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152 (illum Artikolu 21 tal-Kap 446).

Ikkonsidrat:

Li l-imputat qieghed jammetti l-akkuzi liema ammissjoni hija wahda volontarja u nkondizjonata.

Li l-imputat ghandu fedina penali xejn edifikanti minkejja l-eta' relattivament zghira tieghu.

Li gja kellu precedenti ta' serq fejn inghata l-opportunita' li jirriforma izda ma swiet ghal xejn u fil-fatt kien gja inghata perjodu ta' prigunerija propju minhabba s-serq.

Li dina l-Qorti rinfaccjata b'dan il-kwadru m'ghandha ebda xelta ohra hlief li timponi perjodu ta' prigunerija ghar-reati odjerni.

Wara li rat l-Artikoli tal-Ligi fuq citati u rat l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9 ukoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu, 2000 ta' dina l-Qorti diversament preseduta tiddecidi li tikkundannah tlett snin prigunerija li minnhom ghandhu jitnaqqas kull perjodu ta' zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------